

Brussell, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11287/24

FISC 140
ECOFIN 731

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill Ewropew

Nru. dok. preċ.: 10594/24

Suġġett: Rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li ġie approvat mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fil-21 ta' Ġunju 2024.

RAPPORT TAL-ECOFIN LILL-KUNSILL EWROPEW DWAR KWISTJONIJIET TA' TAXXA

A. INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport tal-Kunsill jipprovdi ħarsa ġenerali tal-progress miksub fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Belġjana, kif ukoll ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-aktar fajls importanti li qed jiġu nnegożjati fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rapport tħejja abbażi ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP) li koprew kwistjonijiet tal-politika tat-tassazzjoni orizzontali ta' rilevanza strateġika, f'konformità mal-mandat tiegħu.
2. Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-ħidma tal-Kunsill rilevanti u jkopri kwistjonijiet imsemmija f'diversi konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew mill-2012 'l hawn¹, id-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021², il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-VAT tal-2012³ u tal-2016⁴, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali" tal-2017⁵, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE⁶, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2020 dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha⁷.

¹ Dok. EUCO 4/3/12 REV 3 (punti 9 u 21), EUCO 76/12, EUCO 75/1/13 REV 1, EUCO 14/17 (punt 11), EUCO 10/20 (punti A29 u 147) u EUCO 13/20.

² Dok. ST 18/21.

³ Dok. ST 9586/12.

⁴ Dok. ST 9494/16.

⁵ Dok. ST 15175/17.

⁶ Dok. ST 8482/20.

⁷ Dok. ST 13350/20.

3. Il-Presidenza Belġjana kompliet il-ħidma fuq fajls ewlenin, inkluż il-proposti inklużi fil-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali", il-proposta dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi fras il-ġħajn eċċessivi (FASTER), ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, il-proposta "L-Intrapriżi fl-Ewropa: qafas għat-tassazzjoni tal-introjt" (BEFIT), il-proposta dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, il-proposta dwar is-sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali, l-aġġornament tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif ukoll il-proposta għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa. Kompliet ukoll b'mod attiv il-ħidma fir-rigward tan-negozjati dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti abbażi ta' diskussjonijiet bejn l-Istati Membri fl-UE.
4. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:
- a) għamel progress konsiderevoli dwar il-Pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali";
 - b) laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva tal-Kunsill dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi fras il-ġħajn eċċessivi;
 - c) laħaq pożizzjoni komuni għall-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc għall-abbozz ta' termini ta' referenza għal Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa;
 - d) ħa nota li l-Istati Membri komplew il-ħidma fuq l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE;
 - e) awtorizzat l-iffirmar tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT;
 - f) adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-emendar ta' ħames ftehimiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali;
 - g) għamel progress fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

- h) kompla jiddiskuti l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa; u
- i) kompla bl-eżami tal-proposti għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (HOT), Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT).
5. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kompla wkoll ulterjorment bil-ħidma tiegħu dwar id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat attwali tiegħu, inkluż dwar il-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif innizzla fir-rapport ta' kull sitt xhur tiegħu⁸. L-aktar aġġornament reċenti tal-lista tal-UE sar mill-Kunsill fl-20 ta' Frar 2024⁹.
6. Informazzjoni aktar dettaljata dwar suġġetti u fajls speċifiċi tinsab hawn taħt.
- *Diskussjoni ġenerali dwar il-prijoritajiet għaċ-ċiklu leġiżlattiv li jmiss*
7. L-HLWP kellu diskussjoni ġenerali inizjali dwar il-prijoritajiet għaċ-ċiklu leġiżlattiv li jmiss tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni. Bosta delegazzjonijiet fakkru, b'referenza għal bosta mill-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, il-ħtieġa li primarjament issir enfasi fuq l-oġettivi tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u li t-tassazzjoni ssir sempliċi u effettiva, u b'hekk jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-individwi, il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa. F'dan il-kuntest, xi delegazzjonijiet jilqgħu b'mod partikolari inizjattivi li jnaddfu l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri amministrattivi eżistenti tal-UE. Ġiet enfasizzata l-ħtieġa li l-piż amministrattiv jinżamm baxx kemm jista' jkun u li jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jittrasponu leġiżlazzjoni ġdida. L-Istati Membri fakkru wkoll fl-importanza ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rwol attiv u kostruttiv tal-Presidenza fil-kuntest tan-NU ntlaka' tajjeb.

⁸ Dok. ST 11151/24.

⁹ ĠU C, 2024/1804, 26.2.2024, paġni 1-4.

8. Fir-rigward tat-tassazzjoni diretta, id-delegazzjonijiet esprimew is-sodisfazzjon tagħhom bil-ħidma fil-Kunsill, filwaqt li nnotaw b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE adottata u l-progress fil-ħidma intergovernattiva matul iċ-ċiklu leġiżlattiv attwali. Bosta delegazzjonijiet ġibdu l-attenzjoni għall-ammont enormi ta' xogħol u l-aġġustamenti tal-IT li jinvolvu l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni kkonċernata, speċjalment għall-awtoritajiet tat-taxxa. Id-delegazzjonijiet għalhekk enfazzjaw il-bżonn li ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata. Xi delegazzjonijiet indikaw preferenza li l-ewwel titlesta l-ħidma fuq l-inizjattivi attwali tat-taxxa u ssuġġerew l-involviment tal-Istati Membri ferm aktar qabel ma jitnedew direttivi dwar it-taxxa ġodda. F'dan il-kuntest ukoll, jintlaqgħu azzjonijiet li jissimplifikaw l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-konformità mar-regoli tat-taxxa (simplifikazzjoni tar-regoli tat-taxxa).
9. Dwar id-dazji tas-sisa, bosta delegazzjonijiet esprimew id-dispjaċir tagħhom li għadd ta' proposti leġiżlattivi mistennija għadhom ma nħarġux. Pereżempju, il-proposta leġiżlattiva mħabbra biex temenda d-Direttiva 2011/64/UE dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat għadha ma nħarġitx, u għadd ta' Stati Membri tennew is-sejħa għall-ħruġ tagħha fil-leġiżlatura li jmiss¹⁰. Diversi delegazzjonijiet tennew ukoll il-ħtieġa li tiġi emendata d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, u xi wħud anki tennew is-sejħa għal proposta rigward l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2020/262 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa.
10. Fir-rigward tat-taxxi fuq il-valur miżjud, bosta delegazzjonijiet esprimew is-sodisfazzjon ġenerali tagħhom bil-ħidma li għaddejja, anke fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar l-isfidi tat-taxxa marbuta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha. Xi delegazzjonijiet fakkru fil-ħtieġa għal emendi fir-regoli tal-VAT fis-settur tat-turiżmu u relatati mas-servizzi finanzjarju, u delegazzjonijiet oħra laqgħu r-rieżami li jmiss tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

¹⁰ Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (dok. ST 8483/20).

B. LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE DWAR IT-TAXXA

1) Tassazzjoni Diretta

a) AKTAR RAPIDA

11. Fis-16 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Helsen Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi ("FASTER")¹¹. L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta leġiżlattiva huwa doppju: l-appoġġ tal-funzjonament tajjeb tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi jiġi ffaċilitat l-investment transfruntier, u l-iżgurar ta' tassazzjoni ġusta permezz tal-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u l-abbuż tat-taxxa f'dan il-qasam.
12. L-ewwel nett, din il-proposta għandha l-għan li tintroduċi, fl-UE kollha, proċeduri aktar effiċjenti (u armonizzati) li jikkonċernaw każijiet transfruntieri ta' helsen mit-taxxi fras il-għajn li l-Istati Membri jimponu fuq l-introjtu miż-żamma ta' titoli nnegozjati pubblikament (dividendi fuq ekwitajiet u imgħax fuq bonds). Bħalissa, il-proċeduri li jippermettu lill-investituri mhux residenti jibbenefikaw mit-trattat dwar it-taxxa jew mill-benefiċċji domestiċi spiss huma kkumplikati, għaljin u jieħdu fit-tul peress li jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn Stat Membru u ieħor, kemm f'termini ta' dokumentazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-kontribwenti biex jiksbu l-helsen mit-taxxa fras il-għajn kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' diġitalizzazzjoni tagħhom.
13. It-tieni, bħala aspett daqstant ieħor importanti, il-proposta għandha l-għan li tindirizza r-riskju ta' telf ta' dħul għall-Istati Membri. Il-proċeduri tal-helsen mit-taxxa fras il-għajn jistgħu jgħorru r-riskju ta' frodi u abbuż tat-taxxa, kif intwera minn serje ta' rivelazzjonijiet (pereżempju, l-iskemi bil-għan li jiżdied b'mod inġust l-ammont ta' rifużjoni li għalih kien effettivament intitolat investitur (Cum/Cum) jew każijiet fejn isiru talbiet multipli għal rifużjoni għall-istess żborż (Cum/Ex)). Il-frodi tat-taxxa tista' tiġri minħabba li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ma jkollhomx għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni preċiża minħabba livell baxx ta' trasparenza fil-katina finanzjarja u minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar il-preżenza ta' arranġamenti finanzjarji marbuta mat-titolu sottostanti.

¹¹ Dok. ST 10820/23 + ADD 1-5.

14. L-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data nħarġet fit-8 ta' Awwissu 2023.¹² L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar din il-proposta leġiżlattiva nġhatat fit-13 ta' Diċembru 2023.¹³ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew inħarġet fit-28 ta' Frar 2024.¹⁴
15. L-analiżi teknika ta' din il-proposta leġiżlattiva u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) żvelaw li t-test inizjali propost mill-Kummissjoni kellu jiġi aġġustat qabel ma seta' jiġi ppreżentat lill-Kunsill għal qbil. Għalhekk saru għadd ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni matul il-mandat tal-Presidenza Spanjola u dik Belġjana.
16. Id-Direttiva l-ġdida jkun fiha l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:
- i) żewġ proċeduri rapidi li jtejbju l-proċeduri standard attwali ta' ħelsien mit-taxxa fras il-ġħajn jew ta' rifużjoni:
 - "proċedura tal-ħelsien mit-taxxa fras il-ġħajn" li biha r-rata tat-taxxa applikabbli tiġi applikata fid-data tal-ħlas tad-dividendi jew l-imġħaxijiet;
 - "proċedura ta' rifużjoni rapida" li permezz tagħha inizjalment it-taxxa fras il-ġħajn titnaqqas fid-data tal-pagament iżda r-rifużjoni tat-taxxa fras l-ġħajn eċċessiva tingħata fi żmien qasir.
 - ii) ċertifikat diġitali komuni tal-UE ta' residenza tat-taxxa li l-investituri (kontribwenti) ikunu meħtieġa jużaw sabiex jibbenefikaw minn dawn il-proċeduri rapidi;
 - iii) reġistru u obbligi ta' rapportar standardizzat għall-intermedjarji finanzjarji. Ir-reġistrazzjoni tiżgura li l-intermedjarji finanzjarji ċertifikati biss ikunu jistgħu japplikaw għall-ħelsien mit-taxxa fras il-ġħajn f'isem il-klijenti tagħhom permezz tal-proċeduri rapidi. Ir-rappurtar standardizzat jarmonizza r-rekwiżiti ewlenin ta' konformità f'dan il-qasam madwar l-UE u jgħammar lill-awtoritajiet tat-taxxa bl-informazzjoni essenzjali biex jivverifikaw l-eliġibbiltà għall-ħelsien mit-taxxa fras il-ġħajn, biex jittraċċaw il-pagamenti rilevanti u biex jevitaw abbuż tat-taxxa jew frodi tat-taxxa potenzjali.

¹² ĠU C, C/2023/897, 13.11.2023; dok. ST 12427/23.

¹³ ĠU C, C/2024/1580, 5.3.2024; dok. ST 8961/24.

¹⁴ P9_TA(2024)0102.

17. Kif imħabbar fil-laqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) tas-7 ta' Frar 2024, il-Presidenza Belġjana tat prijorità lill-ħidma fuq dan il-fajl bl-objettiv li jintlaħaq qbil fil-Kunsill. Matul il-mandat tal-Presidenza Belġjana saru sitt laqgħat tad-WPTQ (24 u 25 ta' Jannar, 21 ta' Frar, 15 ta' Marzu, 16 ta' April u 2 ta' Mejju 2024 (Livell Għoli)).
18. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Mejju, il-Kunsill (Ecofin) laħaq approċċ ġenerali dwar it-test tal-abbozz ta' Direttiva¹⁵, bil-ħsieb li jadotta d-Direttiva, soġġett għal konsultazzjoni mill-ġdid mal-Parlament Ewropew u r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

b) Użu ħażin ta' entitajiet fittizji

19. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (il-proposta "Unshell")¹⁶.
20. L-objettiv tal-proposta huwa li tipprevjeni l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa permezz ta' azzjonijiet minn entitajiet mingħajr sustanza minima, u ttejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-proposta għandha l-għan li tiġġieled kontra l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa mhux xierqa u li tiżgura li l-kumpaniji fittizji fl-UE li ma jkollhom l-ebda attività ekonomika jew li jkollhom attività ekonomika minima ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn vantaġġi tat-taxxa.
21. Fl-ewwel semestru tal-2022 bdiet analiżi teknika tal-proposta, id-delegazzjonijiet kellhom diskussjonijiet ibbażati fuq it-testi ta' kompromess u n-noti ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenzi konsekuttivi¹⁷. Dawn li ġejjin kienu xi wħud mill-aktar kwistjonijiet diskussi: il-konsegwenzi tat-taxxa, ir-rabtiet mal-leġiżlazzjoni domestika kontra l-abbuż, l-entitajiet esklużi, is-sustanza minima, il-preżunzjoni konfutabbli u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, iċ-ċertifikat tar-residenza tat-taxxa u l-iskambju tal-informazzjoni. L-HLWP ipprova gwida għal aktar ħidma dwar il-kwistjonijiet pendenti. Fil-prinċipju, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-objettivi tal-proposta, iżda kienu tal-fehma li kienet meħtieġa aktar ħidma teknika importanti qabel ma jkun fattibbli ftehim.

¹⁵ Dok. ST 9925/24.

¹⁶ Dok. ST 15296/21.

¹⁷ Ara r-rapport preċedenti fid-dok. ST 16411/23.

22. Taħt il-Presidenza Belġjana, ġiet ippreżentata triq possibbli 'l quddiem fl-HLWP fil-11 ta' Ġunju 2024. Ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet sabiex jinstabu soluzzjonijiet ta' kompromess dwar il-kwistjonijiet pendenti.

c) Direttiva dwar Prezzar ta' Trasferiment

23. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment,¹⁸ li essenzjalment għandha l-għan li tintegra fid-dritt tal-UE prinċipji u regoli ewlenin fir-rigward tal-ipprezzar ta' trasferiment, li huma maqbula fil-qafas tal-OECD.

24. Din il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni "għandha l-għan li tissimplifika r-regoli tat-taxxa billi żżid iċ-ċertezza tat-taxxa għan-negozji fl-UE, u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' litigazzjoni u ta' tassazzjoni doppja u l-kostijiet ta' konformità korrispondenti u għaldaqstant ittejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tas-Suq Uniku"¹⁹. Din il-proposta tkopri l-aspetti ewlenin li ġejjin:

- l-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fid-dritt tal-Unjoni;
- l-armonizzazzjoni tar-regoli ewlenin dwar l-ipprezzar ta' trasferiment;
- l-iċċarar tar-rwol u l-istatus tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment; u
- il-ħolqien tal-possibbiltà li fl-Unjoni jiġu stabbiliti regoli vinkolanti komuni dwar suġġetti speċifiċi ta' prezzar ta' trasferiment fil-qafas tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment.

25. Wara l-ewwel diskussjoni ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment taħt il-Presidenza Spanjola fl-20 ta' Ottubru 2023, il-Presidenza Belġjana sejħet tliet laqgħat tad-WPTQ dwar din il-proposta leġiżlattiva - fit-12 ta' Jannar, fis-27 ta' Frar u fit-22 ta' April 2024.

¹⁸ Dok. 12954/23 + ADD1.

¹⁹ Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni fid-dok. 12954/23.

26. Id-diskussjonijiet inizjali dwar il-proposta tal-Kummissjoni wrew li l-Istati Membri jappoġġaw b'mod ġenerali l-oġġettivi tat-titjib ta' ċertezza legali fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fl-UE, kif ukoll fir-rigward tal-istatus tal-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment tal-OECD (minn hawn 'il quddiem "TPG tal-OECD") u dwar interpretazzjoni komuni ulterjuri ta' dawk it-TPG tal-OECD li l-Kummissjoni għandha l-għan li tikseb b'din il-proposta. Madankollu, l-Istati Membri qajmu xi tħassib ġenerali dwar l-inklużjoni ta' regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment f'Direttiva, kif propost mill-Kummissjoni. L-Istati Membri qajmu wkoll tħassib serju rigward it-test tal-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-riskju li possibbilment jinħoloq standard doppju fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment, kif ukoll dwar it-telf tal-flessibbiltà li huma għandhom bħalissa fin-negozjar u fl-applikazzjoni tat-TPG tal-OECD.
27. Il-Presidenza Belġjana kellha l-għan li tibni fuq l-osservazzjonijiet u l-kummenti ewlenin li saru mid-delegazzjonijiet u stiednet lill-Istati Membri jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar is-suġġetti ewlenin li ġejjin:
- l-istatus tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment;
 - il-mistoqsija sa liema punt id-Direttiva tista' tapplika għal tranżazzjonijiet transfruntieri fir-rigward ta' entitajiet u awtoritajiet tat-taxxa mhux tal-UE;
 - l-allinjament ulterjuri tal-proposta tal-Kummissjoni mal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD;
 - il-funzjonament tar-regoli proposti dwar l-ipprezzar ta' trasferiment għal stabbilimenti permanenti u għal intrapriżi assoċjati, inkluż it-triq 'il quddiem possibbli fir-rigward tad-definizzjoni tal-intrapriżi assoċjati;
 - il-kamp ta' applikazzjoni possibbli tar-regoli proċedurali dwar l-ipprezzar ta' trasferiment li jistgħu jiġu armonizzati fil-livell tal-UE, u l-merti potenzjali tagħhom;
 - il-possibbiltà li tinħoloq pjattaforma ta' diskussjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri għal kwistjonijiet ta' pprezzar ta' trasferiment.

28. Sa issa, id-diskussjonijiet fid-WPTQ urew li l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment ma tistax tiġi appoggiata mill-Istati Membri fil-forma attwali tagħha. Għaldaqstant, ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex titħejja l-bażi għall-possibbiltà li jsir progress.
29. Ta' min jinnota, għadd kbir ta' Stati Membri indikaw li jista' jkun utli li tiġi stabbilita "Pjattaforma tal-UE għall-Ipprezzar ta' Trasferiment" - forum ġdid ta' "liġi mhux vinkolanti", bħall-Forum Konġunt dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment (jew sa ċertu punt simili għalih). Din id-diskussjoni tista' titkompla, u jekk l-Istati Membri jkunu jixtiequ jipproċedu aktar dwar din il-kwistjoni, l-aspetti ewlenin għad-diskussjoni u d-deċiżjoni eventwalment ikunu l-kompożizzjoni tal-Pjattaforma (sħubija) u l-istruttura istituzzjonali tagħha, il-mandat tagħha (il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien, il-kompetenza, ir-riżultati tanġibbli), il-governanza tagħha (il-funzjoni ta' presidenza (eletta jew maħtura), ir-regoli tal-votazzjoni u s-servizzi tas-segretarjat), kif ukoll aspetti rilevanti oħra ta' sustanza u/jew proċess (bħall-aċċess pubbliku għad-dokumenti).

d) Id-Direttiva dwar is-Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali

30. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema ta' Taxxa tal-Uffiċċju Reġistrat (HOT) għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju,²⁰ li għandha l-għan li tissimplifika l-konformità korporattiva mar-regoli tat-taxxa għall-kumpaniji mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jiddeċiedu li joperaw b'mod transfruntier fl-UE. Essenzjalment il-Kummissjoni tipproponi li l-SMEs bi stabbiliment permanenti fi Stat Membru ("ospitanti") ieħor [...], ikomplu japplikaw ir-regoli tat-taxxa li huma familjari magħhom (tal-Istat Membru "domiċiljari"), biex jikkalkulaw u jirrapportaw ir-riżultat taxxabli tal-istabbilimenti permanenti tagħhom fi Stati Membri ("ospitanti") oħra lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru "domiċiljari". Dan l-arranġament ikun mistenni jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għan-negozji, iħeġġeġ l-espansjoni transfruntiera tal-SMEs u jikkontribwixxi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-parteciċipazzjoni tal-SMEs fis-suq intern.

²⁰ Dok. ST 12951/23 + ADD1-ADD5.

31. Wara l-ewwel diskussjoni ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni taħt il-Presidenza Spanjola fl-1 ta' Diċembru 2023, il-Presidenza Belġjana bdiet eżami aktar dettaljat fil-laqgħat tad-WPTQ fid-9 ta' April 2024 (dwar l-Artikoli 2 – 5 u 7 – 10 tal-proposta) u fid-29 ta' Mejju 2024 (dwar l-Artikoli l-oħra, b'mod partikolari dawk marbuta mal-amministrazzjoni proċedurali tas-Sistema HOT, jiġifieri, l-Artikolu 6 u l-Artikoli 11 sa 14). Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll lid-delegazzjonijiet sommarju tas-sejbiet mill-grupp informali ta' esperti minn diversi Stati Membri li analizza l-isfidi amministrattivi potenzjali għall-awtoritajiet tat-taxxa li jappartjenu għal din il-proposta. Dawn id-diskussjonijiet kellhom l-għan li jiksbu stampa komprensiva tal-kwistjonijiet tekniċi u l-merti potenzjali tal-proposta.
32. Jista' jiġi nnutat li d-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw l-oġettiv ġenerali li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntieri mill-SMEs. Filwaqt li xi Stati Membri jaraw lok għal aktar diskussjonijiet tekniċi abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, huwa importanti li jiġi osservat li għadd kbir ta' delegazzjonijiet qajmu tħassib serju fir-rigward ta' diversi aspetti tal-proposta tal-Kummissjoni, bħall-isfidi amministrattivi jew ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li d-Direttiva, kif proposta mill-Kummissjoni, tista' toħloq għall-awtoritajiet tat-taxxa, tħassib dwar l-effett potenzjali fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, riskji marbuta mal-kompetittività tas-swieq domestiċi (SMEs "domiċiljari" li jagħżlu li ma jespandux jew li ma jistgħux jespandu b'mod transfruntier), kif ukoll argumenti aktar ġenerali marbuta mal-piż għas-sistemi tat-taxxa nazzjonali u marbuta mas-sovranità tat-taxxa.
33. Għadd ta' Stati Membri huma tal-fehma li għandha ssir diskussjoni aktar ġenerali (ta' orjentazzjoni) dwar dan il-fajl qabel ma jkun jista' jsir kwalunkwe progress tekniku ulterjuri. Għalhekk, tista' tkompli ssir aktar ħidma fuq dan il-fajl bl-għan li titħejja diskussjoni ta' livell għoli dwar l-għażliet ta' politika li jkunu meħtieġa jsiru fir-rigward ta' din il-proposta tal-Kummissjoni.

e) Id-Direttiva dwar il-BEFIT

34. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT),²¹ li l-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jiġi żviluppat qafas komuni tat-taxxa korporattiva għall-kumpaniji multinazzjonali kbar fl-UE. Wara li pproponiet il-BEFIT, il-Kummissjoni rtirat il-proposti dwar Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva (il-BKTK/BKTK), li kienu ilhom fuq il-mejda tal-Kunsill mill-2016 u li ma sar xejn aktar dwarhom minħabba n-negozjati globali li bdew b'mod parallel dwar ir-Riforma b'Żewġ Pilastru (fil-qafas tal-Qafas inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS).
35. Wara l-preżentazzjoni [...] ta' din il-proposta leġiżlattiva matul il-mandat tal-Presidenza Spanjola fid-WPTQ fid-29 ta' Settembru 2023, il-Presidenza Belġjana bdiet analiżi fil-fond fil-laqgħa tad-WPTQ fit-28 ta' Mejju 2024, fejn saret diskussjoni aktar dettaljata dwar il-biċċa l-kbira tal-ewwel għoxrin Artikolu tal-proposta tal-Kummissjoni, primarjament dwar il-potenzjal tal-allinjament ulterjuri tagħhom mar-regoli tat-Tieni Pilastru.
36. Fid-diskussjonijiet li saru sa issa, l-objettivi ġenerali tas-simplifikazzjoni tar-regoli tat-tassazzjoni korporattiva fl-UE u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għan-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa ġew appoġġati mill-Istati Membri. Madankollu, ġew espressi diversi preokkupazzjonijiet dwar jekk id-Direttiva, kif proposta mill-Kummissjoni, tiksibx b'suċċess dawn l-għanijiet. B'mod partikolari, sa issa, tqajjem tħassib dwar it-tħaddim tad-Direttiva proposta bir-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva, ir-regoli tat-Tieni Pilastru u l-acquis eżistenti tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni (bħall-miżuri kontra l-abbuż u d-Direttiva dwar it-tassazzjoni effettiva minima), kif ukoll tħassib dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-determinazzjoni tar-riżultat preliminari tat-taxxa tal-gruppi fil-kamp ta' applikazzjoni.

²¹ Dok. 12965/23 + ADD1-ADD3.

37. Minħabba n-natura tat-tħassib imqajjem, b'xi Stati Membri jitolbu wkoll diskussjoni politika, l-analiżi teknika tal-proposta tal-Kummissjoni tista' tkompli bl-objettiv li titħejja diskussjoni dwar l-għażliet ta' politika li jkunu meħtieġa jsiru fir-rigward ta' din il-proposta tal-Kummissjoni.
38. F'dan il-kuntest, ser ikunu meħtieġa riflessjoni u ħidma teknika ulterjuri biex jiġu ddeterminati l-passi li jmiss f'dawn in-negozjati matul il-mandat tal-Presidenza li jmiss.

2) **Tassazzjoni Indiretta**

a) Il-VAT fl-Era Diġitali

39. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-pakkett tagħha "Regoli tal-VAT għall-era diġitali", li fih tliet proposti:
- proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era digitali²²;
 - proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era digitali²³; u
 - proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċert skemi tal-VAT²⁴.
40. Il-pakkett għandu tliet objettivi. L-ewwel nett, għandu l-għan li jimmodernizza l-obbligi ta' rapportar tal-VAT billi jintroduċi rekwiżiti ta' rapportar diġitali bbażati fuq il-fatturazzjoni elettronika. It-tieni, beħsiebu jindirizza l-isfidi tal-ekonomija tal-pjattaformi billi jaġġorna r-regoli applikabbli tal-VAT. U t-tielet, għandu l-għan li jindirizza l-piż amministrattiv billi jimxi lejn reġistrazzjoni unika tal-VAT.

²² Dok. ST 15841/22.

²³ Dok. ST 15842/22.

²⁴ Dok. ST 15843/22.

41. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett fit-3 ta' Marzu 2023²⁵. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett fis-27 ta' April 2023²⁶. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-seduta plenarja tiegħu tat-22 ta' Novembru 2023²⁷.
42. Il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett tagħha f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma taħt il-Presidenza Ċeka, u l-Presidenza Żvediża bdiet il-ħidma tagħha fir-rigward tal-pakkett, inkluż testi ta' kompromess dwar it-tliet aspetti kollha tal-proposti, li ntlagħu tajjeb mid-delegazzjonijiet bħala bażi soda għal aktar ħidma.
43. Biex imexxi ulterjorment il-ħidma fuq dan il-fajl, fis-16 ta' Ġunju 2023 il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposti, li tħejja mill-HLWP fl-1 ta' Ġunju 2023. Fid-dibattitu, il-Ministri laqgħu tajjeb b'mod ġenerali l-linji ġenerali tal-proposti tal-Kummissjoni u l-progress li sar taħt il-Presidenza Żvediża. Bosta ministri talbu wkoll flessibbiltà dwar l-oqfsa domestiċi ta' rapportar diġitali u dwar is-soluzzjoni biex il-pjattaformi jingħataw rwol akbar fil-ġbir tal-VAT.

²⁵ Dok. ST 7071/23.

²⁶Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "Il-VAT fl-Era Diġitali", dok. ECO/606, <https://webapi2016.eesc.europa.eu/v1/documents/EEESC-2022-06315-00-00-AC-TRA-EN.docx/content>

²⁷ Ir-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0421_MT.pdf; Ir-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0422_MT.pdf.

44. Il-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana komplew il-ħidma abbażi tal-orjentazzjonijiet mill-Kunsill:

- a) dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar diġitali u l-fatturazzjoni elettronika, il-proposta tal-Kummissjoni ġiet ikkomplementata b'qafas fil-livell nazzjonali li jiżgura l-kwalità tad-data inkluża fil-fatturi elettroniċi, bi flessibilità għall-operazzjonalizzazzjoni ta' dak il-qafas. L-Istati Membri ngħataw ukoll l-għażla li jeżentaw lill-klijenti mir-rapportar tad-data. L-iskadenza għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika u DRR ġewwa l-UE ġiet posposta għal sentejn u nofs (Lulju 2030), peress li dawn ser jinvolvu investimenti kbar fl-IT. Dawk l-Istati Membri li diġà għandhom fis-seħħ obbligu domestiku ta' rapportar ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet ingħataw aktar żmien biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-fatturazzjoni u r-rapportar elettroniċi fil-livell domestiku.
- b) fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-ekonomija tal-pjattaformi, id-definizzjoni ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir ġiet aġġustata biex tippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw l-ispeċifikitajiet nazzjonali fit-tassazzjoni tas-settur tal-akkomodazzjoni permezz tal-liġi nazzjonali, peress li mhux l-Istati Membri kollha jesperjenzaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-pjattaformi u s-settur tal-lukandi. F'dan ir-rigward, ġiet introdotta possibbiltà biex l-Istati Membri jipprevjenu li r-reġim tal-fornitur preżunt japplika għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).
- c) dwar ir-reġistrazzjoni unika tal-VAT, il-Kunsill ma żammx il-karatteristiċi ġodda kollha proposti mill-Kummissjoni. L-estensjoni tad-dispożizzjoni tal-fornitur preżunt (fejn il-pjattaformi li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet isiru responsabbli biex jiġbru l-VAT minflok il-fornituri sottostanti) għall-oġġetti kollha furnuti permezz ta' pjattaformi kif ukoll għat-trasferimenti ta' oġġetti proprji ma ġietx appoġġata, u d-delegazzjonijiet ma qablux mal-bidliet fl-iskema ta' marġni għal xogħlijiet tal-arti u antikitajiet. Barra minn hekk, prinċipalment minħabba l-antiċipazzjoni ta' problemi ta' infurzar, id-delegazzjonijiet ma qablux li jagħmlu l-punt uniku ta' servizz għall-importazzjoni obligatorju. Soluzzjoni alternattiva biex jiġi inċentivat l-użu tal-punt uniku ta' servizz għall-importazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fil-qafas tal-aspetti tal-VAT tar-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li bħalissa qed tiġi wkoll diskussa fil-Kunsill.

45. Taħt il-Presidenza Belġjana, saru ħames laqgħat tad-WPTQ u laqgħa waħda tal-HLWP bi tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill (Ecofin) fl-14 ta' Mejju 2024. F'din il-laqgħa, delegazzjoni waħda ma setgħetx taqbel mat-testi ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentati għal qbil minħabba oġġezzjonijiet fir-rigward tal-partijiet tal-proposta relatati mal-ekonomija tal-pjattaformi.
46. Fil-laqgħa tal-Ecofin tal-21 ta' Ġunju, test ta' kompromess rivedut dwar l-abbozz ta' Direttiva emendatorja xorta ma setax jiġbor l-appoġġ tad-delegazzjonijiet kollha.

b) Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)

47. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)²⁸, ("il-proposta tal-ETD").
48. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ²⁹, li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett huwa magħmul minn proposti interkonnessi, li kollha għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn.
49. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-oġġettivi li ġejjin:
- a) il-forniment ta' qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jonqsu l-emissjonijiet;
 - b) il-forniment ta' qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE permezz tal-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-istruttura tar-rati, u permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fiskali mill-Istati Membri; u
 - c) il-preservazzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri.

²⁸ Dok. ST 10872/21.

²⁹ Dok. ST 10849/21.

50. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill (Ecofin) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta tal-ETD³⁰. Fis-6 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill (Ecofin) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni³¹ dwar il-proposta tal-ETD u ta gwida politika dwar it-triq 'il quddiem. B'mod ġenerali, il-Ministri appoġġaw l-approċċ aktar flessibbli tal-Presidenza u talbu biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti. B'kont meħud tal-gwida politika, komplet l-analiżi teknika.
51. Filwaqt li bniet fuq il-progress li sar mill-Presidenzi preċedenti, il-Presidenza Belġjana komplet il-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-ETD. Il-fajl ġie analizzat fid-WPTQ fid-29 ta' Frar, fit-13 ta' Marzu u fil-25 ta' April. Barra minn hekk, sar skambju ta' fehmiet fl-HLWP fis-26 ta' Marzu. Il-Presidenza ħejjiet testi ta' kompromess sħaħ fi tliet okkażjonijiet u ppreżentat ukoll testi ta' kompromess parzjali li fihom abbozzar alternattiv possibbli għal ċerti artikoli.
52. Ġew analizzati l-kwistjonijiet pendenti, u l-enfasi kienet fuq il-kwistjonijiet li ġejjin: it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati fis-settur tal-avjazzjoni u fis-settur marittimu, l-indiċjar tal-livelli minimi ta' tassazzjoni, l-interruzzjoni ta' emerġenza f'każ ta' żidiet eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-enerġija, il-bijomassa. Xi kwistjonijiet reġġu nfetħu mid-delegazzjonijiet, bħat-tassazzjoni ta' prodotti mħallta, id-differenzjazzjoni bejn l-użu kummerċjali u mhux kummerċjali tal-prodotti tal-enerġija użati bħala propellanti u t-tassazzjoni tal-iskart. Fuq it-talba tad-delegazzjonijiet, it-test ta' kompromess tal-Presidenza kien fih perjodi tranżitorji mtawla u l-possibbiltà li l-Istati Membri jipprovdu eżenzjonijiet totali jew parzjali għal ċerti setturi u servizzi. Bl-aktar test ta' kompromess reċenti, il-Presidenza ħasset li kienet għamlet l-almu tagħha biex issib bilanċ delikat bejn il-fehmiet diverġenti u biex tindirizza t-tħassib li kien fadal. Modifiki oħra fuq it-talba ta' xi delegazzjonijiet kienu jwasslu biex jonqos l-appoġġ minn xi delegazzjonijiet oħra.

³⁰ Dok. ST 9874/22.

³¹ Dok. ST 14736/22.

53. Il-Presidenza għalhekk stiednet lid-delegazzjonijiet biex jikkunsidraw it-test ta' kompromess bħala pakkett u biex juru flessibilità. Il-Presidenza pproponiet li jekk id-delegazzjonijiet jilqgħu b'mod favorevoli t-test ta' kompromess, hija tippjana laqgħat addizzjonali biex tiffina t-test qabel ma tressqu fuq il-livell politiku. Madankollu, abbażi tad-diskussjonijiet fil-laqgħa tad-WPTQ f'April, il-Presidenza nnotat li kien għad hemm differenzi sostanzjali bejn il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet u li t-test ta' kompromess tal-Presidenza ma ntlax b'mod favorevoli mid-delegazzjonijiet.

54. Il-Presidenza rnexxielha tagħmel progress kbir iżda hemm bżonn ta' aktar ħidma sabiex jintlaħaq test ta' kompromess li jkun aċċettabbli għad-delegazzjonijiet kollha.

3) Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni

a) Skambju awtomatiku ta' informazzjoni rilevanti għat-taxxa ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE

55. Il-Presidenza Belġjana avvanzat il-ħidma fuq l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali (b'mod partikolari - il-GDPR) għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (minn hawn 'il quddiem "AEOI") ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE. Din il-ħidma kompliet tibni fuq id-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet li saru matul il-mandati tal-Presidenzi precedenti³².

56. Filwaqt li dawn il-kwistjonijiet huma fil-kompetenza tal-Istati Membri, huwa meqjus utli li f'dan l-istadju titkompla l-ħidma koordinata f'dan il-qasam. Għalhekk huwa mistenni li dawn il-kwistjonijiet jiġu eżaminati regolarment fid-WPTQ, kif meħtieġ.

³² Ara d-dok. ST 10710/23, il-punti 31-32, id-dok. ST 15506/22, il-punti 46-48; id-dok. ST 9970/21, il-punti 81 -82; id-dok. ST 14651/21, il-punti 50 -59.

b) Ftehimiet tal-UE ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera

57. Wara d-diskussjonijiet rispettivi fid-WPTQ (Livell Għoli) mibdija fl-2023³³, fis-17 ta' Jannar 2024 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċizzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għall-emendar tal-ħames ftehimiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, il-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino.³⁴
58. L-għan tan-negozjati previsti għall-emendar ta' dawn il-ħames ftehimiet huwa dan li ġej:
- (a) li jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ħames pajjiżi mhux tal-UE skont il-ħames ftehimiet rispettivi tal-UE, mill-1 ta' Jannar 2026, ikun allinjat mal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) aġġornat, żviluppat mill-OECD, u jkompli jsir f'konformità miegħu; l-implimentazzjoni tas-CRS aġġornat fl-UE ġiet inkluża fid-Direttiva 2023/2226 (DAC8);
- (b) li jiġi aġġornati r-referenzi legali għad-Direttiva 95/46/KE b'referenzi għar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR), fejn xieraq.

³³ Dok. ST 16411/23, p. 17-18.

³⁴ Dok. ST 5598/24 + ADD 1.

59. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) fis-7 ta' Frar 2024 u l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Diretta) fis-7 ta' Marzu 2024 kif ukoll il-konsultazzjonijiet sussegwenti, id-delegazzjonijiet kollha setgħu jappoġġaw it-test ta' kompromess tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u t-test ta' kompromess tad-direttivi ta' negozjati. B'riżultat tad-deliberazzjonijiet fil-Kunsill, kemm id-Deċiżjoni tal-Kunsill kif ukoll id-direttivi ta' negozjati ġew modifikati meta mqabbla mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. L-ewwel nett, fid-Deċiżjoni tal-Kunsill, dan li ġej issa huwa stabbilit b'mod ċar: 1) tiżdied bażi ġuridika sostantiva (l-Artikolu 115 TFUE), sabiex tkun konformi mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE; 2) id-direttivi ta' negozjati għandhom jiġu riveduti u żviluppatti aktar, kif xieraq, skont l-evoluzzjoni tan-negozjati; 3) in-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, li huwa deżinjat bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE; 4) il-Kummissjoni għandha tirrapporta lura lill-kumitat speċjali u tikkonsultah fuq bażi regolari; kull meta tintalab mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lura lill-Kunsill dwar it-twettiq u l-eżitu tan-negozjati, inkluż bil-miktub. It-tieni, fid-direttivi ta' negozjati, issir referenza għal emenda għall-Ftehim mal-Iżvizzera fir-rigward tal-assistenza fil-ġbir ta' taxxi diretti u indiretti.
60. Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehimiet li jikkonċernaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino, rispettivament³⁵, u qabel dwar id-direttivi ta' negozjati³⁶.

³⁵ Dok. ST 9543/24, ST 9245/24.

³⁶ Dok. ST 9245/24 ADD 1.

c) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT

61. F'Ottubru 2023, il-Kummissjoni aġġornat lid-delegazzjonijiet dwar in-negozjati mal-awtoritajiet tan-Norveġja biex jiġi emendat il-ftehim dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT, u kkonsultathom dwar l-abbozz ta' emendi għall-ftehim.
62. Peress li maġġoranza kbira ħafna tad-delegazzjonijiet setgħu jaqblu mal-abbozz ta' emendi, il-Presidenza kkonkludiet li l-pass li jmiss kien li tistenna l-proposti tal-Kummissjoni għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim skont l-Artikolu 218 TFUE.
63. Il-Kummissjoni ħarġet il-proposti tagħha fl-24 ta' Novembru 2023. Wara li konsultazzjoni bil-miktub ma qajmet l-ebda oġġezzjoni mid-delegazzjonijiet, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Frar u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-28 ta' Frar 2024.
64. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, u hekk witta t-triq għall-konklużjoni tal-Ftehim mill-Kunsill.

d) Il-Programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

65. Il-programm Fiscalis għandu l-għan li jappoġġa lill-awtoritajiet tat-taxxa biex itejbu l-funzjonament tas-suq intern, irawmu l-kompetittività, jiġġieldu kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u jtejbju l-ġbir tat-taxxa. F'Ġunju 2024, il-Kummissjoni infurmat lill-HLWP dwar ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-Programm Fiscalis għall-2023³⁷.

³⁷ Dok. ST 9294/24.

C. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR IT-TAXXA (attivitajiet mhux leġiżlattivi)

Ħidma importanti fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa (lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-taxxa) mxiet 'il quddiem, kif jidher hawn taħt.

1) Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)

66. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) iltaqa' fis-7 ta' Frar u fl-10 ta' Ġunju 2024, u l-laqgħat tas-sottogrupp saru fid-19 ta' Jannar, fl-1 ta' Marzu, fl-24 ta' April u fit-23 ta' Mejju 2024.
67. Ir-reviżjoni biannwali tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet approvata mill-Kunsill fl-20 ta' Frar 2024 u ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fis-26 ta' Frar 2024³⁸.
68. Rapport aktar estensiv jinsab fir-rapport biannwali ddedikat tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta³⁹.

2) Riżoluzzjoni tan-NU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti

69. Fit-30 ta' Diċembru 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat formalment Riżoluzzjoni dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa (Riżoluzzjoni 77/244). Bir-Riżoluzzjoni, il-Membri tan-NU talbu lis-Segretarju Ġenerali tan-NU (SĠNU) biex iħejji rapport (diskuss mill-Assemblea Ġenerali fit-78 sessjoni tagħha f'Settembru 2023) li janalizza l-istrumenti legali internazzjonali rilevanti kollha, dokumenti u rakkomandazzjonijiet oħra li jindirizzaw il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-arranġamenti internazzjonali u multilaterali eżistenti. Għal dan l-għan, is-Segretarju Ġenerali nieda konsultazzjoni pubblika fi Frar 2023.

³⁸ ĠU C, 2024/1804, 26.2.2024, paġni 1-4.

³⁹ Dok. ST 11151/24.

70. Fit-8 ta' Marzu 2023, wara l-laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés Fiskali, l-Istati Membri appoġġaw il-preżentazzjoni ta' kontribut mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Wara dan l-appoġġ, fil-15 ta' Marzu 2023 ġie ċċirkolat u approvat abbozz ta' kontribut mill-HLWP permezz ta' proċedura ta' silenzju informali. Il-kontribut ġie sussegwentement iffirmit mill-President tal-HLWP u ppreżentat lis-Segretarjat tan-NU b'mod konġunt mid-delegazzjonijiet tal-UE u tal-Iżvezja⁴⁰.
71. Matul id-diskussjoni fl-HLWP tal-25 ta' April 2023 id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-koordinazzjoni, skont ma jkun rilevanti, tal-pożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa mill-Istati Membri tal-UE li għandhom jiġu trażmessi fin-NU, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol. L-HLWP ingħata l-mandat biex ikompli jissorvelja l-iżviluppi.
72. Ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa ġie ppubblikat fit-8 ta' Awwissu 2023.⁴¹ Ir-rapport ipprova analiżi tal-arranġamenti eżistenti fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u esplora diversi opzjonijiet biex tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, b'enfasi fuq l-inklużività.
73. Fil-15 ta' Settembru 2023, l-Attachés/Kunsillieri Fiskali kkunsidraw abbozz ta' pożizzjoni fisem l-UE u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti li tirrifletti l-konklużjonijiet tar-rapport. Il-pożizzjoni ġiet approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2023⁴².
74. Fit-22 ta' Novembru 2023, it-Tieni Kumitat tan-NU adotta abbozz rivedut ta' Riżoluzzjoni mill-Grupp Afrikan, intitolat Il-Promozzjoni ta' kooperazzjoni fiskali internazzjonali inklużiva u effettiva fin-Nazzjonijiet Uniti (A/C.2/78/L.18/Rev.1), b'vot ta' maġġoranza. Ir-riżoluzzjoni għażlet l-opzjoni 2 tar-rapport tas-SĠNU, filwaqt li ddeċidiet fost l-oħrajn li tistabbilixxi Kumitat Intergovernattiv Ad Hoc immexxi mill-Istati Membri u miftuħ għall-fini tal-abbozzar ta' Termini ta' Referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali.

⁴⁰ Dok. ST 7564/23.

⁴¹ <https://financing.desa.un.org/document/promotion-inclusive-and-effective-international-tax-cooperation-united-nations-a78235>

⁴² Dok. ST 12967/23

75. Fl-HLWP tat-23 ta' Novembru 2023, il-Presidenza u l-Kummissjoni rrapportaw dwar il-progress fin-negozjati fit-Tieni Kunitat tal-Assemblea Ġenerali fit-tmienja u sebgħin sessjoni tagħha. Wara r-rakkomandazzjoni tat-Tieni Kunitat tan-NU, fit-22 ta' Diċembru 2023, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-Riżoluzzjoni 78/230 dwar Il-Promozzjoni ta' Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali Inklużiva u Effettiva fin-Nazzjonijiet Uniti b'vot ta' maġġoranza.
76. Fid-WPTQ tas-26 ta' Jannar 2024, id-delegazzjonijiet kellhom skambju inizjali ta' fehmiet dwar ir-rwol tal-UE u l-Istati Membri tagħha [...] fil-ħidma mibdija bir-riżoluzzjoni 78/230 tal-AĠNU dwar Il-Promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti.
77. Fil-laqgħa tas-7 ta' Frar, il-Presidenza Belġjana aġġornat lill-HLWP dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma fin-Nazzjonijiet Uniti u d-delegazzjonijiet iddiskutew pożizzjoni komuni possibbli (tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha) għall-ħidma li jmiss tal-Kunitat Ad Hoc. F'din il-laqgħa, id-delegazzjonijiet qablu dwar tliet messaġġi komuni bħala prinċipji gwida ġenerali għal impenn kostruttiv matul l-ewwel sessjoni organizzattiva fi New York mill-20 sat-22 ta' Frar.
78. Wara s-sessjoni msemmija u t-talba mill-President tal-Kunitat Ad Hoc biex jiġu pprovduti kontributi bil-miktub dwar l-abbozz ta' Termini ta' Referenza (ToR) sal-15 ta' Marzu, il-Presidenza organizzat laqgħa tal-Attachés Fiskali fil-11 ta' Marzu biex tiddiskuti u tistabbilixxi strateġija b'antiċipazzjoni tan-negozjati li ġejjin. Abbażi tal-feedback mibgħut mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' test introdutturju li jiddeskrivi l-prinċipji u sett ta' għodod b'suġġetti possibbli biex jiggwidaw l-inputs li għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarjat tan-NU. Sussegwentement, diversi Stati Membri użaw dan it-test introdutturju fl-inputs bil-miktub tagħhom, u xi Stati Membri ppreżentaw proposti dwar kwistjonijiet ta' sustanza għall-inklużjoni possibbli fl-abbozz tat-Termini ta' Referenza.

79. Fl-HLWP tas-26 ta' Marzu 2024, id-delegazzjonijiet inkarigaw lill-Attachés Fiskali biex ikomplu d-diskussjonijiet dwar pozzizzjoni komuni possibbli (tal-UE u l-Istati Membri tagħha) qabel l-ewwel sessjoni sostanzjali tal-Kumitat Ad Hoc fi New York mis-26 ta' April sat-8 ta' Mejju 2024.
80. Fit-12 ta' April 2024, l-Attachés Fiskali kkunsidraw abbozz ta' pozzizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-ewwel sessjoni sostanzjali tal-Kumitat Ad Hoc (New York, 26 ta' April - 8 ta' Mejju 2024), ibbażat fuq proposta tal-Presidenza.
81. Fil-25 ta' April 2024, il-Kunsill approva l-pożizzjoni [...] f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha valida għall-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc.⁴³
82. Il-pożizzjoni maqbula nġatat mid-delegazzjoni tal-UE għan-Nazzjonijiet Uniti f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha u mill-Belġju bħala Stat Membru li jeżerċita l-Presidenza tal-Kunsill f'isem l-Istati Membri tal-UE matul il-ftuħ tal-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc fis-26 ta' April 2024. Il-pożizzjoni komuni kienet appoġġata u kkumplimentata minn Stati Membri oħra li pparteċipaw fis-sessjoni. Matul is-sessjoni, il-Presidenza Belġjana, id-delegazzjoni tal-UE u s-servizzi tal-Kummissjoni kkooperaw mill-qrib biex jorganizzaw laqgħat regolari ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u koordinazzjoni tal-UE. Il-parteeċipazzjoni virtwali għad-delegazzjonijiet mill-bliet kapitali u għall-konsulenti/attachés fiskali ibbażati fi Brussell kienet permessa wkoll. Dawn il-laqgħat saru alternattivament ma' dawk tal-grupp reġjonali tan-NU tad-WEOG, u wara dan l-Istati Membri kollha tal-UE ġew aġġornati dwar l-aħħar diskussjonijiet. Saru wkoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ma' pajjiżi terzi kif ukoll laqgħat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif diskuss fuq il-post.
83. Fil-11 ta' Ġunju 2024, l-HLWP ġie infurmat dwar l-eżitu tal-Kumitat Ad Hoc u t-triq 'il quddiem fin-negożjati tan-NU. Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill Ecofin ta' Ġunju f'dan ir-rigward.

⁴³ Dok. ST 9129/24 REV 1.

3) L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

84. Fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bil-parteciċipazzjoni tal-Belarussja, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa eżamina għadd ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jsegwu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE (fir-rigward tar-Russja u tal-Belarussja) u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom permezz ta' strumenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa.
85. L-ewwel nett, l-Istati Membri qablu dwar il-ħtieġa li jwaqqfu l-iskambji kollha ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa mal-Federazzjoni Russa u l-Belarussja. It-tieni, l-Istati Membri tal-UE eżaminaw għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-użu tal-kooperazzjoni amministrattiva u strumenti oħra fil-qasam tat-taxxa fil-kuntest tal-infurzar tal-miżuri restrittivi.
86. F'dan il-kuntest, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa ser ikompli jeżamina l-iżviluppi ulterjuri rigward dawn il-miżuri, inkluż il-ħidma li qed issir fuq il-pjattaforma temporanja maħluqa mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ġunju 2022 fil-forma ta' sottogrupp tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" dwar l-infurzar tat-taxxa.
87. Fil-laqgħa tal-HLWP tal-11 ta' Ġunju 2024, id-delegazzjonijiet ħadu nota tal-aġġornament ipprovdut mill-Kummissjoni dwar il-ħidma ta' dan is-sottogrupp.

4) Żviluppi internazzjonali

88. L-HLWP ġie infurmat regolarment dwar l-iżviluppi internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni. B'mod partikolari, id-delegazzjonijiet ġew infurmati regolarment dwar il-ħidma li kienet għaddejja u s-sitwazzjoni attwali fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, kif ukoll dwar l-aspetti tal-politika tat-tassazzjoni koperti fil-laqgħat tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20. Id-delegazzjonijiet ġew infurmati wkoll dwar is-suġġetti diskussi fis-Simpożju Internazzjonali tal-G20 dwar it-Tassazzjoni li sar fi Brasilia bejn il-21 u t-23 ta' Mejju 2024.

89. Kwistjonijiet relatati mal-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tressqu regolarment għall-attenzjoni tad-delegazzjonijiet fil-laqgħat tal-HLWP. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-hekk imsejħa- Amerikani aċċidentali, fi tmiem l-2022, is-Servizz ta' Dħul Intern tal-Istati Uniti ħareġ avviż li temporanjament jillaxxa r-regoli biex persuni jiġu ddeterminati bħala mhux konformi minħabba NIT neqsin għas-snin 2022, 2023 u 2024. F'Jannar 2023, dan l-iżvilupp inġieb għall-attenzjoni tal-HLWP. F'April 2023, il-membri tal-HLWP enfasizzaw li hija meħtieġa soluzzjoni permanenti u usa' biex jiġi evitat li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji fl-UE jiġu ttrattati bħala mhux konformi minħabba NIT neqsin f'każijiet fejn ma jkunx possibbli għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji li jiġbru NIT. F'Lulju 2023, fl-HLWP id-delegazzjonijiet għamlu suġġeriment li tintbagħat ittra lill-Istati Uniti, li tħeġġeġ lill-Istati Uniti jipprovdut soluzzjoni aktar permanenti b'kamp ta' applikazzjoni usa' malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, f'Settembru 2023, intbagħtet ittra lill-Istati Uniti fisem l-HLWP. F'Marzu 2024, l-HLWP ġie infurmat dwar l-aktar żviluppi reċenti fir-rigward tal-FATCA. F'Ġunju 2024, l-HLWP ġie infurmat dwar il-laqgħa kostruttiva li saret bejn il-Presidenza Belġjana u t-Teżor tal-Istati Uniti fit-22 ta' Mejju 2024.

5) Taxxa f'oqsma mhux tat-taxxa (TINTA)

90. Fid-19 ta' Novembru 2013, l-HLWP qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, kompli jżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. Il-kwistjonijiet li ġew immonitorjati mill-HLWP jinkludu l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija tal-UE li tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-impenji globali, il-ħidma li għaddejja dwar Dikjarazzjoni Konġunta possibbli tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-Ġlieda kontra r-Reġimi tat-Taxxa Dannużi, u l-pakkett dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus.

6) **Ohrain**

91. F'laqgħa informali tal-HLWP, saru wkoll diskussjonijiet dwar l-aspetti tat-taxxa ta' suq uniku tal-UE għall-filantropija, kif ukoll dwar il-kwistjonijiet tat-taxxa relatati mat-telexogħol transfruntier u/jew ix-xogħol mill-bogħod, b'mod aktar speċifiku dwar it-tassazzjoni tal-pagi u s-salarji u l-preżenza ta' stabbilimenti permanenti f'sitwazzjonijiet bħal dawn.
-